PDF Compressor Pro



# GĦAWDEX

# X'għadda minn għalina



minn
**Charles Spiteri**

## Ċentru Kulturali Ġdid

Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, nhar is-Sibt 23 ta' Frar, filgħodu, inawgura ċ-ċentru kulturali ġdid **IL-ĦAĠAR - HEART OF GOZO**, maħluq mill-Fondazzjoni Belt Victoria bl-għajnuna tal-Fondi għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew. Mons Ġużeppi Farrugia (Kuratur-Kordinatur) u Antoine Vassallo (*Chair*) laqgħuh fi Pjazza San Ġorġ, imsebbħa għall-okkażjoni. Wara li l-Banda La Stella daqqet l-Innu Malti, l-Isqof Mons Mario Grech u l-Arċipriet Mons Pawlu Cardona ħarġu bl-abiti korali mill-Bażilika flimkien mal-membri l-oħra tal-Kapitlu. Hawn is-Sur Vassallo qara kelmtejn ta' merħba fejn spjega l-viżjoni li mexxiet lil tant voluntiera biex jitwettaq dal-progress. Irrefera wkoll għas-"sinsla" impressjonanti li tgħaqqad it-tliet sulari billi turi l-binja tal-poplu tagħna, kif ukoll għal aspetti interattivi.

Dr Gonzi enfasizza l-karattru nazzjonali ta' dan l-iżvilupp, fi sfond tas-sapport lill-ħidma volontarja. Wara kant mil-Kor Laudate Pueri, taħt id-direzzjoni tal-Kanonku George Frendo l-Prim Ministru qata' iż-żigarella u l-Mużew ġie uffiċjalment inawgurat. L-Isqof Grech stqarr l-entużjażmu tiegħu għal dan il-mezz innovativ ta' evanġelizzazjoni u għadda biex bierek il-Mużew. Il-kxif ta' rħama kommemorattiva mill-Prim Ministru għalqet il-parti formali. Allura l-mistednin setgħu jduru mal-post u jammiraw il-bosta pitturi, statwi, dokumenti, oġġetti sagri u esibiti oħra.

Iċ-ċelebrazzjonijiet kienu jinkludu wkoll tifkira ta' De Soldanis, Kunċert mill-kor papali *Cappella Sistina*, Quddiesa pontifikali ta' ringrazzjament u pranzu fil-Lukanda Ta' Ċenċ.



















